# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 13

It-Tnejn 5 ta' Mejju 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2025 fit-8.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

13.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Viċi Sindku Carmela Parnis u l-Kunsillier Mark Busuttil infurmaw lill-Kunsill li ser ikunu indisposti u ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

### 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

13.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 12 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

13.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

13.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

13.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, ressaq suġġeriment sabiex fil-bidu ta' Triq il-Munxar issir tabella bil-kliem "No Entry to Heavy Vehicles except to render a service". Huwa spjega li fil-jiem li għaddew niżlet xarabank, misjuqa minn xufier li kien ġdid għall-inħawi, li ħolqot konġestjoni peress li xħin waslet ħdejn Ġnien Ragalna ma setgħetx iddur. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar din il-proposta.

### 13.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

13.4.1 Il-Kunsillier John Cassar staqsa dwar xi progress fuq il-proposta mressqa biex tiġi nstallata magna tar-riċiklaġġ tal-fliexken. Is-Sindku wieġeb li kellu laqgħa ma' rappreżentant tal-kumpanija BCRS u ġie

Kunsill Lokali Il-Munxar

kkonfermat li din ser tiġi nstallata fi Pjazza Anfori fix-Xlendi ħdejn il-*Waste Depot*. Huwa għarraf lill-membri li hekk kif jiġu approvati l-permessi mill-awtoritajiet konċernati (li ser jiġu sottomessi mill-kumpanija BCRS), din ser tiġi nstallata immedjatament.

## 13.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

13.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti dwar il-progress fil-proġett ta' tisbiħ fid-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka. Huwa qal li s-sistema tad-dawl dekorattiv miexi b'rittmu tajjeb u fil-jiem li ġejjin ser titwitta u tiżdied il-ħamrija fis-*soft areas* u jitħawlu l-fjuri staġjonali biex fl-aħħar kemm tiġi nstallata s-sistema tal-irrigazzjoni u jingħata l-aħħar wiċċ bit-tarmak.

Is-Sindku spjega li waqt l-implimentazzjoni tal-proġett, il-Perit identifikat xi xogħlijiet addizzjonali li hemm bżonn isiru biex jiġi żgurat li l-proġett jiġi komplut u mplimentat b'suċċess. Kien hemm qbil mill-membri għal dan ix-xogħol addizzjonali u biex tintbagħat it-talba lill-awtorita' kkonċernata għall-approvazzjoni ta' fondi addizzjonali.

13.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li l-Kunsill issottometta l-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex jiġi nstallat il-bust tal-Professur Ġuże' Aquilina fid-daħla ta' Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina, ġejna mitluba approvazzjoni min-naħa tal-Kunsill Malti Għall-Arti. Wara komunikazzjoni ma' din l-entita', il-Kunsill irid jipprovdi *3D render* tal-bust flimkien ma' rekwiżiti oħra. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tinħareġ is-sejħa għall-kwotazzjonijiet u jiġu sottomessi r-rekwiżiti mitluba.

13.5.3 Is-Sindku fakkar lill-membri dwar l-fondi li l-Kunsill kien ottjena mill-entita' Project Green sabiex tiġi sostitwita palma mejta fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi. Wara diskussjoni fuq is-suġġett, kien hemm qbil li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet biex jinbidlu żewġ palmiet mejta f'din it-triq.

13.5.4 Għal dawn is-sejħiet għall-kwotazzjonijiet, kien hemm qbil li jinħatar bord li jkun magħmul mill-Accountant Daniel Galea u l-konsulent William Sultana bħala evalwaturi tal-bord.



Kunsill Lokali Il-Munxar

## 13.6 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements għas-sena 2024;

13.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-awditjar tal-istqarrijiet finanzjarji tas-sena 2024 għadhom għaddejjin. Huwa spjega kif kull talba għal dokumenti u informazzjoni li saret mill-awdituri dejjem ingħatat u fl-iqsar żmien possibbli, dan jista' jiġi vverifikat fis-sistema tal-awdituri stess. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li spiss kien ifakkar lill-awdituri dwar id-data ta' skadenza maħruġa mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali biex jitlesta dan il-proċess. Madanakollu, l-istqarrijiet finanzjarji awditjati għadhom mhumiex konklużi. Il-Kunsill innota dan u kien hemm qbil li jitressqu għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 13.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

13.7.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Filming fl-inħawi ta' Sanap Cliffs – 9 ta' Mejju 2025;
- Attivita' Soċjali minn Munxar Falcons F.C. fi Pjazza tal-Knisja – 9 ta' Mejju 2025;
- Attivita' privata għat-tfal fi Triq Damansku – 10 ta' Mejju 2025;
- Attivita' f'Jum il-Ħruġ min-niċċa ta' San Pawl – 11 ta' Mejju 2025 organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin;
- Attivita' Soċjali għat-tfal organizzata mill-Parroċċa tal-Munxar – 15 ta' Mejju 2025;
- Attivita' Festa Tfal – 18 ta' Mejju 2025 organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin;
- Attivita' Soċjali – 31 ta' Mejju 2025 organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin.
- Attivita' Soċjali – 1 ta' Ġunju 2025 organizzata mill-Għaqda Għajn Tuta Kerċem.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u approva l-permessi ġaladarba l-Kunsill jirċievi *no objection* tal-Pulizija u Transport Malta.

13.7.2 Il-Kunsill irċieva risposta għat-talba tal-Kunsill biex tingħata aktar informazzjoni dwar l-attivita' ta' Malta Armwrestling. L-attivita' ser tinvolvi sistema ta' *sound* b'volum baxx. Ma kienx hemm qbil mill-membri preżenti biex issir din l-attivita' proposta.

13.7.3 Il-Kunsill irċieva ittra indirizzata lill-membri u l-ħaddiema tal-Kunsill mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. F'din l-ittra

Kunsill Lokali Il-Munxar

l-President wera apprezzament tax-xogħol li jsir ta’ kuljum fl-okkażjoni ta’ Jum il-Ħaddiem. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.4 Ċirkulari Nru AKL 2025/029 – Urgent Action Required on Pending PA-Funded Projects. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.5 Ċirkulari Nru AKL 2025/030 – Stedina minn MOVE u The Malta Street Sports Alliance. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.6 Ċirkulari Nru AKL 2025/031 – Kwestjonarju Kunsilliera Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.7 Ilment 12/2025

Resident jitlob kumpens għall-ħsara li ġarrab fil-vettura tiegħu minħabba gandott li kien hemm fi Triq Santa Dminka fil-Munxar. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar din it-talba, kien hemm qbil sabiex il-Kunsill iqabbad *surveyor* liċenzjat biex jispezzjona l-vettura.

13.7.8 Ilment 13/2025

Suġġeriment sabiex terġa’ tiġi nstallata mera tat-traffiku fi Triq Żgħawri fil-limiti tas-Sanap Cliffs minħabba kantuniera kerha f’din it-triq. L-istess persuna ssuġġerixxa sabiex issir tabella tindika l-passaġġ għal Sanap Cliffs. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

13.7.9 Ilment 14/2025

Persuna tirrapporta ħajt tas-sejjieħ li sar mill-Kunsill Lokali b’fondi Ewropej u skont din il-persuna allegatament twaqqa’ b’vendikazzjoni fi Triq ix-Xifer fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex isir rapport formali lill-Pulizija.

13.7.10 Ilment 15/2025

Persuna titlob sabiex issir xogħol ta’ qtugħ ta’ ħaxix ħażin f’passaġġ pubbliku fi Triq il-Qsajjem. Kien hemm qbil dwar dan.

13.7.11 Ilment 16/2025

Persuna titlob sabiex issir xogħol ta’ qtugħ ta’ ħaxix ħażin fit-triq li twassal għal Għajn Tuta. Kien hemm qbil dwar dan.

Kunsill Lokali Il-Munxar

13.7.12 Ilment 17/2025

Resident jitlob sabiex isir metru *double yellow line* ma' ġenb naħa waħda tal-garaxx tiegħu fi Triq Żirżieb fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

13.7.13 Ilment 18/2025

Residenta titlob sabiex isiru sinjali bojod għall-kaxxi tal-parkeġġ fi Triq It-Torri fix-Xlendi. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li jsir analiżi ta' kemm jipparkjaw vetturi preżentement u li kieku jsiru l-kaxxi bil-qisien stabbiliti kemm jidħlu parkeġġi.

13.7.14 Ilment 19/2025

Resident jirrapporta skart goff li ntefa' illegalment f'daħla ta' garaxx privat u qed ikun hemm preżenza ta' ġrieden. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jgħarraf lil dan ir-resident biex iressaq dan l-ilment għand l-awtoritajiet kompetenti.

## 13.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

13.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 13/2025-9 għall-perjodu bejn il-15 t'April 2025 u l-5 ta' Mejju 2025 li tammonta għal €41,638.12 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier John Cassar kien il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Farrugia s-sekondant.

## 13.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fid-9.00 ta' filgħodu u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Il-Munxar